# PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Mandat t’Inibizzjoni Nru **1613/2022 (AD)**

**SIMONE SCHEMBRI (KI 523976)**

**vs**

**CSJ LIMITED (C 40859)**

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali wara talba għall-ħruġ ta’ mandat t’inibizzjoni permezz ta’ rikors ta’ Simone Schembri datat tlieta u għoxrin (23) ta’ Novembru 2022, u risposta ta’ CSJ Limited datata disgħa u għoxrin (29) ta’ Novembru 2022;

**Preliminari**

2. B’rikors preżentat nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta’ Novembru 2022, Simone Schembri, sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha, talbet lil din il-Qorti sabiex **iżżomm lis-soċjeta’ intimata milli tbigħ jew tassenja b’kawlunkwe**

**mod il-bastiment kummerċjali bl-isem *'Lady of Loreto'*, bin-numru ta' reġistrazzjoni S-22695**;

3. Il-Qorti, b'digriet mogħti nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Novembru 2022 stess, appuntat ir-rikors għas-smigħ għas-seduta tal-Ġimgħa, tnejn (2) ta' Diċembru 2022, ordnat in-notifika tar-rikors lis-soċjeta' intimata, u akkordat lis-soċjeta' intimata terminu sal-ewwel (1) ta' Diċembru 2022 għar-risposta;

4. Permezz ta' risposta datata disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru 2022, is-soċjeta' intimata opponiet għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni kif mitlub mir-rikorrenti u dan għal diversi raġunijiet kif ser jiġi spjegat.

### Fatti tal-Każ u t-Talba tar-Rikorrenti

5. Jirriżulta mir-rikors odjern illi r-rikorrenti qiegħda fil-proċess illi takkwista l-bastiment kummerċjali bl-isem *'Lady of Loreto'* (minn issa 'l quddiem ***"il-bastiment in kwestjoni"***), u in fatti tgħid illi diġa' għamlet ħlas parzjali lis-soċjeta' intimata għal dan il-għan. Ir-rikorrenti ssostni fir-rikors tagħha illi d-direttur tas-soċjeta' intimata Carmel Spiteri baqa' jirrifjuta li jidher għall-kuntratt u trasferiment għar-raġuni illi jrid illi l-pagament isir f'ismu personali u mhux f'isem is-soċjeta' intimata, liema talba r-rikorrenti rrifjutat għaliex il-bastiment huwa proprjeta' tas-soċjeta' intimata, u mhux ta' Carmel Spiteri personalment. Ir-rikorrenti tindika wkoll fir-rikors illi hija ppreżentat ittra ġudizzjarja fil-konfront tas-soċjeta' intimata, sabiex fi żmien jumejn is-soċjeta' intimata tersaq għat-trasferiment tal-bastiment, kif ukoll sabiex iżżomm lis-soċjeta' intimata responsabbli għal telf u danni li qiegħda jew tista' ssofri r-rikorrenti;

6. Mill-banda l-oħra, is-soċjeta' intimata opponiet għat-talba rikorrenti għas-segwenti raġunijiet:

   a. Illi, preliminarjament, il-mandat għandu jiġi dikjarat null għaliex ma sarx permezz tal-formola stabbilita mill-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

b. Illi r-rikorrenti ma segwietx il-proċeduri korretti taħt il-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta għaliex talbet il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, u mhux ta' mandat ta' qbid tal-bastiment fit-termini tal-Artikolu 846 tal-Kap 12;

c. Illi r-rikorrenti għamlet ukoll użu ħażin tal-liġi meta talbet il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni għaliex l-għan tagħha huwa li twassal għall-eżekuzzjoni ta' ħaġa da parti tas-soċjeta' intimata, u mhux sabiex twaqqafha milli tagħmel xi ħaġa;

d. Illi s-soċjeta' intimata m'għandha l-ebda intenzjoni li tbiegħ il-bastiment in kwestjoni lil ħaddieħor, u ma tressqet l-ebda prova fir-rikors illi tixhed li hemm xi biża' da parti tar-rikorrenti li l-bastiment in kwestjoni ser jiġi trasferit lil ħaddieħor;

e. Illi kien sar ftehim bejn il-partitjiet li r-rikorrenti kellha tħallas lis-soċjeta' intimata parti mill-profitti li jirriżultaw mill-operat tal-bastiment sal-mument tal-bejgħ, u f'dar-rigward, kien hemm nuqqas ta' qbil fuq l-ammont dovut mir-rikorrenti;

f. Illi s-soċjeta' intimata għadha disposta li tagħmel it-trasferiment, basta jitħallas dak spettanti lilha;

g. Illi r-rikorrenti naqset milli tissodisfa l-elementi rikjesti għall-akkoljiment ta' mandat t'inibizzjoni.

**Il-Qorti**

7. Wara illi rat l-atti u d-dokumenti kollha preżentati;

8. Wara illi semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Diċembru 2022;

9. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

A. Nullita' tal-Mandat Odjern

10. Fl-ewwel lok, din il-Qorti sejra tindirizza l-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjeta' intimata, u cioe illi l-mandat t'inibizzjoni għandu jiġi dikjarat null stante li ma sarx permezz tal-formola stabbilita mill-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

11. Dwar eċċezzjoni simili għal dik in eżami, ingħad minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Francis Xuereb vs David Thomas Agius et***[1]:

> *18. Huwa minnu li l-artikolu 1007(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid li atti ġudizzjarji għandhom jiġu magħmula skont il-formuli miġjuba fl-Iskeda B, madankollu l-liġi ma tgħidx li l-att għandu jitqies null jekk ma jkunx sar skont dik il-formola partikolari. Skont l-artikolu 798(1)(ċ) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, eċċezzjoni ta' nullita' ma tistax tintlaqa' jekk att li ma jkunx sar skont il-forma meħtieġa ma jġibx preġudizzju fuq il-parti l-oħra;*
>
> *19. Kif imtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza* **Anthony Mifsud et v. Raymond Martin Camilleri et** *deċiża fit-13 ta' Lulju 2020,*
>
> > *<<Att ġudizzjarju għandu jitqies null biss għal raġunijiet gravi u serji fil-limiti tad-disposizzjonijiet espressi tal-liġi. Fuq kollox, il-liġi tal-proċedura hija maħsuba biex il-kawżi jimxu b'ħeffa u effiċjenza, ekonomija w ħarsien tal-jeddijiet tad-difiża w tal-prinċipji tal-ġustizzja*

[1] Mandat t'Inibizzjoni Nru 1209/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Christian Falzon Scerri, 30 t'Awwissu 2021

> *naturali, u mhumiex maħsuba biex joħolqu ħtiġijiet purament formali li jservu biss biex jagħtu lil xi waħda mill-partijiet f'kawża mezz biex teħles mill-obbligi tagħha jew biex tirbaħ il-ħin. Kull partikolarita' li l-liġi trid li tkun "essenzjali" f'att ġudizzjarju trid tkun tali li n-nuqqas tagħha jxekkel serjament u b'mod irrimedjabbli xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tal-liġi proċedurali hawn imsemmija (P.A. GCD 31.10.2008 fil-kawża fl-ismijiet* ***Vella et vs Medserv Operations Limited*** *(mhix appellata)).>>*

> *20. Fil-każ tagħna ma jirriżultax li l-intimati ġarrbu xi preġudizzju partikolari minħabba l-fatt li r-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni ma sarx fil-formola indikata mil-liġi. Kemm hu hekk, l-intimati għamlu tweġiba mirquma għar-rikors u għalhekk dan ifisser li huma fehmu sew x'kien fih, ladarba kienu f'qagħda li jwieġbuh;*

12. Din il-Qorti, filwaqt illi tiddikjara illi taqbel pienament ma' din l-interpretazzjoni tal-liġi, tirrileva in oltre illi l-Artikolu 831(1) tal-Kap 12 kien darba waħda jistabbilixxi illi, *"It-talba għall-ħruġ ta' xi wieħed mill-mandati hawn fuq imsemmija ssir b'rikors imħejji mir-rikorrent fuq il-formula stabbilita."* Bl-Att XIV tal-2006, dan il-provvediment fil-liġi ġie sostitwit, biex illum ma jagħmel l-ebda referenza għall-formula stabbilita fl-Iskeda B tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda jistabbilixxi illi r-rikors irid ikun fih, <u>taħt il-piena tan-nullita' tal-att</u>:

    (a) L-oriġini u x-xorta tad-debitu jew il-pretensjoni li wieħed ikun irid iqiegħed fiż-żgur; u

    (b) Fejn id-dritt imfittex li jkun assikurat bl-att huwa dejn, jew talba li tista' tkun sodisfatta bil-ħlas ta' ammont ta' flus, l-ammont li għalih

tammonta t-talba (liema talba tista' tispeċifika u tinkludi l-ispejjeż ġudizzjarji kollha jekk il-kawża tkun ġia ġiet ippreżentata fil-Qorti);

(c) Il-konferma bil-ġurament tar-rikorrent;

(d) Partikolaritajiet oħra li jistgħu jkunu ordnati b'regolamenti;

13. Il-fatt illi l-Artikolu 831(1) tal-Kap 12, illi japplika wkoll għall-mandati t'inibizzjoni, inbidel b'dan il-mod, u cioe minn wieħed illi kien jinkludi referenza espressa għall-formula stabbilita għal wieħed illi jitkellem biss dwar *"rikors"* u ma jagħmel l-ebda referenza għall-formula relattiva fl-Iskeda B tal-Kap 12, jagħti lil din il-Qorti x'tifhem illi l-leġislatur ma riedx illi l-validita' o meno tar-rikors għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni tkun determinata minn jekk ir-rikorrent jużax il-formula stabbilita jew le, iżda illi t-talba tkun valida sakemm issir permezz ta' rikors illi jkun jinkludi (sakemm applikabbli fiċ-ċirkostanzi ta' kull każ partikolari) l-elementi mniżżla fl-Artikolu 831(1) kif sostitwit;

14. Din il-Qorti tosserva illi minkejja illi r-rikors ma ġiex intavolat strettament fil-formola stabbilita fl-Iskeda B, u cioe l-formola numru 21, ir-rikors jinkludi, piu o meno, it-test inkluż fil-formola numru 21, u s-soċjeta' intimata ma kellha l-ebda xkiel sabiex tidentifika l-istess rikors bħala rikors għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni. Is-soċjeta' intimata intavolat risposta illi fiha indirizzat b'mod xieraq l-elementi illi għandhom jissussistu sabiex tintlaqa' talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, u trattat l-istess talba b'mod illi wriet lill-Qorti illi fehmet dak illi kien qiegħed jiġi mitlub mir-rikorrenti. Konsegwentement, għalhekk, din il-Qorti mhix tal-fehma illi r-rikors odjern għandu jiġi dikjarat null;

15. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tiddikjara illi r-rikors qiegħed jitqies bħala wieħed validu.

B. <u>It-Talba kellha tkun għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Qbid ta' Bastiment fit-termini tal-Artikolu 846 tal-Kap 12, u mhux għall-Ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni</u>

16. Fit-tieni lok, il-Qorti tagħmel referenza għall-eċċezzjoni sollevata mis-soċjeta' intimata illi r-rikorrenti ma segwietx il-proċeduri korretti taħt il-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex kellha titlob il-ħruġ ta'mandat ta' qbid ta' bastiment in kwistjoni taħt l-Artikolu 846 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u mhux il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni;

17. Fid-digriet mogħti minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet ***SinSin Europe Solar Asset Limited Partnership et vs L-Av Nicolai Vella Falzon noe***[2]**,** din il-Qorti kellha quddiemha sitwazzjoni fejn is-soċjeta' rikorrenti kienet talbet lill-Qorti tinibixxi lis-soċjeta' intimata mili tbigħ, tneħħi jew tittrasferixxi l-ishma kollha li kellha f'soċjeta' Maltija. Qamet f'din il-kawża l-kwestjoni dwar jekk is-soċjeta' rikorrenti kellhiex titlob il-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni (kif għamlet), jew jekk kellhiex titlob il-ħruġ ta' mandat ta' qbid kawtelatorju, u cioe kwestjoni simili għal dik odjerna. Il-Qorti rriteniet:

> *Jibqa' l-fatt illi l-għażla ta' kif jikkawtelaw il-jedd pretiż, kien jispetta lir-rikorrenti. Setgħu ħadu riskju bil-fatt li jitolbu l-ħruġ ta' mandat bil-proċedura odjerna, jekk mhux għal xejn, għall-fatt illi filwaqt illi b'mandat ta' qbid kawtelatorju, ma hemmx ir-rekwiżit tas-smigħ, fil-każ tal-mandat ta' inibizzjoni, is-smigħ huwa rikjest ad validitatem. Mhux biss. Iżda r-rekwiżiti għall-ħruġ ta' mandat ta' qbid kawtelatorju huma bil-wisq inqas onerużi sabiex jiġu ppruvati minn dawk ta' mandat ta' inibizzjoni.*
>
> *Il-Qorti tirriafferma l-prinċipju li kull rikorrent għandu kull jedd illi jikkawtela l-kreditu pretiż bil-mod l-aktar idoneju u effettiv għad-disposizzjoni tiegħu. [...]*

[2] Mandat t'Inibizzjoni Nru 3/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph Zammit McKeon, 19 ta' Frar 2019

18. In konsiderazzjoni tal-fatt illi dak illi fl-aħħar mill-aħħar trid ir-rikorrenti huwa illi takkwista l-bastiment kummerċjali in kwestjoni, din il-Qorti tqis illi r-rikorrenti kellha kull dritt illi tagħżel illi tikkawtela d-dritt illi qed tippretendi illi għandha b'talba għall-ħruġ ta' mandat illi jinibixxi lis-soċjeta' intimata milli tiddisponi bi kwalsiasi mod l-istess bastiment. Din il-Qorti tqis illi l-mandat ta' qbid kawtelatorju seta' kien tip ta' mandat ieħor illi r-rikorrenti setgħet għażlet sabiex tikkawtela d-dritt illi qed tippretendi illi għandha, iżda b'danakollu ma jfissirx illi, sempliċiment għaliex m'għażlitx dik it-triq iżda għażlet oħra, il-proċedura minnha magħżula mhix waħda idonea tenut kont iċ-ċirkostanzi tal-każ;

19. Din il-Qorti tiċħad ukoll għalhekk din l-eċċezzjoni.

C. <u>Talba għall-Ħruġ tal-Mandat t'Inibizzjoni</u>

20. Tgħaddi issa din il-Qorti għall-mertu tar-rikors odjern. L-Artikolu 873(1) tal-Kap 12 jistabbilixxi illi, *"L-iskop tal-mandat t'inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat",* filwaqt illi skont l-Artikolu 873(2), imbagħad, *"Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk id-drittijiet";*

21. Minn dawn il-provvedimenti tal-liġi jirriżulta għalhekk illi tlieta huma l-elementi illi għandhom jiġu sodisfatti sabiex tiġi milqugħa talba għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni:

   a. Il-Qorti għandha teżamina jekk ikunx ġie pruvat illi r-rikorrenti għandha xi jedd *prima facie*;

   b. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet illi r-rikorrenti qed tippretendi illi għandha;

c. Il-Qorti għandha tkun sodisfatta illi dak illi r-rikorrenti qiegħda titlob illi s-soċjeta' intimata tiġi inibita milli jagħmel, jaf jikkawża preġudizzju lir-rikorrenti fil-każ illi l-mandat ma jiġix akkordat;

22. F'dak li jirrigwarda l-jedd *prima facie,* ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet, ***Victor Sultana vs Julian Sultana***[3]:

> *Rigward l-element tal-prima facie, il-Qorti tal-Appell ikkonkludiet illi dan huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv. Ma hix kwestjoni ta' diskrezzjoni tal-ġudikant. Fi kliem ieħor, il-jedd irid jidher 'prima facie', jiġifieri mal-ewwel daqqa t'għajn. Għalhekk l-eżami tal-Qorti f'dan l-istadju preliminari tal-kontestazzjoni bejn il-partijiet m'għandhiex tkun waħda approfondita, imma limitata għall-apprezzament tal-elementi ġuridiċi u fattwali fuq bażi prima facie. Wieħed irid jagħraf ukoll li l-jedd li jeħtieġ jitħares mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikolta', disaġju jew tħassib.*

23. L-istess, iżda f'aktar dettal, ingħad fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada***[4]:

> *Illi kulma huwa meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni, [huwa] li jkun hemm fumus boni iuris. Huwa loġiku li billi l-mandat ta' inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun, il-mandat jinħareġ favur dak li "jidher" (fi kliem l-istess liġi) mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun. Iġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretenzjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibilta', u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretenzjoni*

---

[3] Mandat Nru 4/2020, Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri (Sezzjoni Ġenerali), 17 ta' Frar 2020, Maġ Dr Brigitte Sultana

[4] Mandat Nru 1742/2016/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 12 ta' Diċembru 2016, Onor Imħ Lawrence Mintoff

*jkollha probabbilta' kbira li tintlaqa'. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretenzjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.*

24. Għaldaqstant, hekk kif ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***Mario Zammit u Maria Bugeja vs Silvio Scerri***[5]:

*Unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. Ħadd mill-partijiet ma jista jew m'għandu jippretendi li mad-"daqqa t'għajn" għandha tkun proprju din il-Qorti li tiddeċiedi hi l-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni. Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeċiedi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu, iżda huwa limitat u ċirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-liġi sabiex ikun operattiv il-mandat.*

25. Stabbilit il-jedd *prima facie,* il-Qorti għandha ddur sabiex tindaga jekk l-att illi jkun qed isir mis-soċjeta' intimata hux ta' preġudizzju għall-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, b'dana illi d-deċiżjoni dwar jekk għandux jiġi akkordat il-mandat t'inibizzjoni jew le għandha tiġi bbażata fuq il-grad ta' preġudizzju illi jkun ser jiġi arrekat lill-jeddijiet tar-rikorrenti, u cioe l-hekk imsejjaħ *periculum in mora*;

[5] Mandat Nru 1164/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 16 t'Ottubru 2020, Onor Imħ Tonio Mallia

26. Ġie ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Helen Mercieca et vs Inġinier Joseph Bajada*** suċitat:

> *Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandat, hu preġudizzju "li ma jkun[x] jista jiġi irrimedjat". Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-mandat.*[6]

27. Evidentement, għalhekk, il-preġudizzju illi jkun ser isofri r-rikorrent permezz tal-att illi jkun qed jintalab illi jiġi miżmum, jeħtieġ illi jkun **irrimedjabbli** sabiex il-Qorti tasal illi takkorda l-mandat t'inibizzjoni. Difatti, f'dan ir-rigward, din il-Qorti kif diversement presjeduta, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***J. Farrugia Properties Ltd vs Annalise Farrugia***[7], spjegat illi l-*periculum in mora*:

> *[...] ifisser il-periklu li kemm-il darba eventwalment ikun hemm pronunzjament definittiv dwar id-dritt pretiż, is-sentenza ma tkunx tista' tiġi esegwita b'mod effettiv. Meta d-dritt kawtelat ma jkunx ta' natura finanzjarja, ma jkunx biżżejjed li jkun hemm rimedju pekunjarju: per eżempju permezz tal-ħlas tad-danni kemm-il darba proprjeta' immobiljari tkun sejra tiġi okkupata u mibnija, jew jekk jiġi mmolestat fit-tgawdjia ta' ħwejġu bl-eżerċizzju ta' dritt ta' passaġġ li l-persuna eżekutanda tippretendi li jkollha.*

[6] Ara wkoll ***Claudine Xerri vs Maltco Lotteries Limited***, Mandat Nru 531/2018/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 ta' Mejju 2018, Onor Imħ Jacqueline Padovani Grima; u ***Vitus Chibuihe Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija***, Mandat Nru 1935/2009, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 18 ta' Diċembru 2009, Onor Imħ Joseph R Micallef

[7] Mandat Nru 1714/2019/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 30 ta' Diċembru 2019, Onor Imħ Grazio Mercieca

28. L-istess ġie wkoll ritenut fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Santumas Shareholdings Limited vs Aquarius Properties Limited***[8]*:*

> *[...] mhux biżżejjed li rikorrent juri li ser isofri xi preġudizzju, iżda wkoll li tali preġudizzju jrid ikun irriparabbli; għax il-Qorti ma toħroġx il-mandat ta' inibizzjoni meta jkun hemm rimedju adegwat għar-rikorrent. Irid ikun kif jgħid it-test bl-ingliż "***necessary***".*
>
> *Naturalment, salv dak li jingħad taħt is-sub-artikolu 5, il-preġudizzju ma jridx ikun wieħed ta' natura finanzjarja għax bħala tali dan hu rimedjabbli purche' jkun hemm l-assi għalih.*

29. Finalment, huwa prinċipju illi jirriżulta kemm mill-provvedimenti tal-liġi stess, kif ukoll minn ġurisprudenza kostanti tal-Qrati nostrana illi:

> *L-Elementi li jwasslu għall-ħruġ tal-mandat huma kumulattivi mhux alternattivi u għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti hija obbligata tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-mandat. Barra minn hekk huma kriterji oġġettivi, u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa mandat kawtelatorju li jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita. Għalhekk hija meqjusa proċedura eċċezzjonali u straordinarja.*[9]

30. Il-Qorti sejra għalhekk tgħaddi sabiex teżamina jekk ir-rekwiżiti illi għandhom jissussistu għall-ħruġ tal-mandat odjern jirriżultawx jew le, u dan bl-applikazzjoni tal-prinċipji legali suċitati għall-fatti in kawża;

---

[8] Rik Nru 330/2007/1, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 3 t'April 2007, Onor Imħ Lino Farrugia Sacco

[9] ***Sultana vs Sultana*** suċitata. Ara wkoll ***George Camenzuli vs Awtorita' għat-Trasport f'Malta et***, Rik Nru 648/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 20 ta' Ġunju 2019, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland

## A. <u>L-Ewwel Element</u>: <u>Ir-rikorrenti għandu jkollha jedd *prima facie*</u>

31. Din il-Qorti tqis illi r-rikors huwa nieqes minn informazzjoni vitali illi setgħet titfa' aktar dawl fuq il-jedd illi r-rikorrenti qed tavvanta. Huwa minnu illi din il-Qorti, f'dan l-istadju, qed tagħmel indaġini biss fuq livell *prima facie*; iżda din il-Qorti kienet, per eżempju, tippretendi, mill-inqas, illi r-rikorrenti ġġib prova dokumentarja illi turi illi l-bastiment in kwestjoni huwa proprjeta' tas-soċjeta' intimata, b'dana illi din il-Qorti tkun għall-inqas tista' taċċerta ruħha illi, jekk tilqa' t-talba rikorrenti, ma tkunx qiegħda tinibixxi t-trasferiment ta' bastiment illi jappartjeni lil terzi. Lanqas ma wriet ir-rikorrenti, minkejja illi hekk issostni fir-rikors tagħha, xi forma ta' rċevuti illi juru l-fatt illi hija ġia għamlet ħlasijiet parzjali għall-bastiment in kwestjoni;

32. Hekk kif ġie senjalat fid-digriet suriferit mogħti fl-ismijiet ***Francis Xuereb vs David Thomas Agius et***:

> *41. Bħalma tajjeb intqal fid-digriet* ***Raymond Cassar Torregiani et v. Approved Limited*** *mogħti fit-3 ta' Awwissu 2021,*
>
> *<< għalkemm huwa minnu li fi stadju ta' Mandat ta' Inibizzjoni din il-Qorti jeħtiġilha li tagħmel biss eżami prima facie tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti dan ma jfissirx li l-qorti għandha toqgħod fl-għama sempliċement fuq dak li ddikjaraw ir-rikorrenti mingħajr ebda ombra ta' prova.>>*
>
> *42. Din il-qorti temmen li miżura ta' mandat ta' inibizzjoni hija waħda ta' sura straordinarja u bħala tali din il-miżura titlob li din tintalab b'rikors miktub tajjeb u msaħħaħ bid-dokumenti kollha li jsostnuh. Żgur li mhux aċċettabbli, li*

*mandati ta' inibizzjoni jintalbu b'rikorsi magħmula b'xogħol nofs leħja jew ta' kafkaf;*

33. In oltre, din il-Qorti tinnota illi, anke jekk għall-grazzja tal-argument kellu jiġi kkunsidrat, illi l-fatt illi l-bastiment jappartjeni għas-soċjeta' intimata ma ġiex kontestat, fir-risposta tagħha, is-soċjeta' intimata ddikjarat illi hija għadha disposta li tagħmel it-trasferiment *de quo*, b'dana illi din il-Qorti mhix tara għalhekk illi hemm, mad-daqqa t'għajn, xi impediment illi qiegħed ixekkel it-trasferiment milli jseħħ;

34. Din il-Qorti **ma tarax għalhekk illi r-rikorrenti ssodisfat l-ewwel element rikjest sabiex tintlaqa' t-talba odjerna**, u cioe illi hija għandha jedd *prima facie* illi jeħtieġ jiġi kawtelat.

## B. It-Tieni u t-Tielet Elementi

35. Hekk kif ġie senjalat aktar 'il fuq, ir-rekwiżiti illi jeħtieġ jissussistu għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni huma kumulattivi u mhux alternattivi. Għaldaqstant, fin-nuqqas tal-ewwel rekwiżit sabiex tiġi milqugħa t-talba odjerna, il-Qorti għandha obbligu illi tiċħad it-talba kif dedotta, u sejra tastjeni milli tagħmel indaġini dwar jekk jissussistux it-tieni u tielet rekwiżiti għall-ħruġ tal-mandat t'inibizzjoni kif mitlub.

## Decide

36. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad** it-talba kif dedotta għall-ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni fil-konfront tas-soċjeta' intimata.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra r-rikorrenti.

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Ġimgħa, 9 ta' Diċembru 2022.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**PL Carina Abdilla**
**Deputat Reġistratur**